KONLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fit-28 ta' April 2022 [1]

Kawża C-677/20

Industriegewerkschaft Metall (IG Metall),
ver.di - Vereinte Dienstleistungsgewerkschaft
vs
SAP SE,
SE-Betriebsrat der SAP SE,
fil-preżenza ta'
Konzernbetriebsrat der SAP SE,
Deutscher Bankangestellten-Verband eV,
Christliche Gewerkschaft Metall (CGM),
Verband angestellter Akademiker und leitender Angestellter der chemischen Industrie eV

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Kumpannija Ewropea stabbilita permezz ta' trasformazzjoni – Kumpannija Ewropea ta' forma duwalista – Involviment tal-ħaddiema – Elezzjoni ta' rappreżentanti tal-ħaddiema bħala membri tal-bord superviżorju – Votazzjoni separata għar-rappreżentanti tal-ħaddiema nominati mis-sindakati"

I. Introduzzjoni

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema [2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva SE") hija l-frott ta' iktar minn 30 sena ta' negozjati, peress li l-ewwel proġett ta' ħolqien ta' kumpannija Ewropea (iktar 'il quddiem is-"SE"), permezz ta' regolament, kien propost mill-Kummissjoni Ewropea fl-1970. In-negozjati ilhom li waqfu fuq żewġ punti: l-istruttura duwalista jew monista tal-kumpannija u l-involviment tal-ħaddiema. Wara li l-proġett kien maqsum f'żewġ proposti fl-1989: waħda ta' regolament li jirrigwarda l-istatut tal-kumpannija Ewropea [3] u l-oħra ta' direttiva li tissupplimenta l-istatut tal-kumpannija Ewropea dwar l-involviment tal-ħaddiema [4],

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6 Vol. 4, p. 272.

[3] Ara l-proposta tal-Kummissjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) dwar l-istatut tal-kumpannija Ewropea tas-16 ta' Ottubru 1989 [COM(89) 268 final–SYN 218].

[4] Ara l-proposta tal-Kummissjoni ta' Direttiva tal-Kunsill li tissupplimenta l-istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema [COM(89) 268 final–SYN 219] présentée par la Commission le 25 août 1989.

eventwalment instab kompromess. Dan irriżulta fil-possibbiltà li tinħoloq SE permezz ta' trasformazzjoni ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, stabbilita skont id-dritt ta' Stat Membru, jekk għal mill-inqas sentejn, hija kellha kumpannija sussidjarja li taqa' taħt id-dritt ta' Stat Membru ieħor[5]. Din ir-raba' possibbiltà ġdida tal-ħolqien ta' SE, flimkien mal-amalgamazzjoni, il-ħolqien ta' SE holding kif ukoll il-ħolqien ta' SE sussidjarja, wasslet għaż-żieda ta' dispożizzjonijiet fid-Direttiva SE sabiex jiġi żgurat li din it-trasformazzjoni ta' kumpannija ma tintużax sabiex jiġi evitat mekkaniżmu nazzjonali ta' involviment tal-ħaddiema eżistenti fil-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata. Fost dawn id-dispożizzjonijiet hemm l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE, li l-interpretazzjoni tiegħu hija mitluba minn din it-talba għal deċiżjoni preliminari. Dan huwa mingħajr dubju wieħed mill-punti ewlenin tal-kompromess, aċċettat b'unanimità wara t-tibdil tal-bażi legali għad-Direttiva, peress li dan l-artikolu huwa intiż sabiex jiżgura "mill-inqas l-istess livell ta' l-elementi kollha ta' l-involviment tal-ħaddiema bħal dawk li jeżistu fil-kumpanija li trid tiġi trasformata f'SE".

2. Peress li d-dritt Ġermaniż jipprovdi votazzjoni speċifika sabiex jiġu eletti ċertu numru ta' rappreżentanti tas-sindakati fost ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan bord superviżorju ta' "Aktiengesellschaft" (kumpannija b'responsabbiltà limitata), din il-partikolarità tifforma parti mill-elementi li għandhom jinżammu f'każ ta' trasformazzjoni ta' din l-"Aktiengesellschaft" (il-kumpannija b'responsabbiltà limitata) f'SE jew tista' tkun l-oġġett ta' negozjati bejn l-korpi kompetenti tal-kumpannija li ser tiġi ttrasformata u l-grupp speċjali tan-negozjati (iktar 'il quddiem il-"GSN"), li huwa l-istrument stabbilit mid-Direttiva SE sabiex jiżviluppa l-modalitajiet tal-involviment tal-ħaddiema fi ħdan SE futura, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjonijiet u l-prattiki nazzjonali, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ma sostniex unifikazzjoni tas-sistemi?

3. Jiena ser nipproponi risposta li l-awtonomija ta' negozjati ta' GSN ma tippermettix li tiġi ppreġudikata l-eżistenza ta' votazzjoni separata sabiex jiġu eletti, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju, ċertu proporzjon ta' kandidati ppreżentati mis-sindakati, meta din il-partikolarità teżisti u hija imperattiva fid-dritt nazzjonali applikabbli għall-kumpannija li għandha tiġi trasformata.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. Il-premessi 3, 5, 7, 8, 10, 18 u 19 tad-Direttiva SE jaqraw kif ġej:

"(3) Sabiex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet soċjali tal-[Unjoni], għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali, notabbilment fil-qasam ta' l-involviment tal-ħaddiema, immirati sabiex jiżguraw illi l-istabbiliment ta' SE ma jġibx miegħu l-għibien jew it-tnaqqis tal-prattiki ta' l-involviment tal-ħaddiema li jeżistu fil-kumpaniji parteċipanti fl-istabbiliment ta' SE. Dan il-għan għandu jiġi segwit billi jiġi stabbilit sett ta' regoli f'dan il-qasam, illi jissupplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament [Nru 2157/2001].

[…]

[5] Ara l-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpannija Ewropea (SE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 251).

(5) Id-diversità kbira fir-regoli u l-prattiki illi teżisti fl-Istati Membri rigward il-manjiera li fiha r-rappreżentanti tal-ħaddiema huma involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet ġewwa l-kumpaniji tagħmilha mhux tal-parir illi jiġi stabbilit mudell wieħed Ewropew ta' l-involviment tal-ħaddiema li jista' japplika għas-SE.

[…]

(7) Jekk u meta jeżistu d-drittijiet tal-parteċipazzjoni f'kumpanija jew aktar li jistabbilixxu SE, dawn għandhom jiġu ppriservati permezz tat-trasferiment tagħhom fis-SE, meta din tiġi stabbilita, għajr jekk il-partijiet jiftiehmu xorta oħra.

(8) Il-proċeduri konkreti dwar it-tagħrif u l-konsultazzjoni transnazzjonali tal-ħaddiema, kif ukoll, jekk tapplika, il-parteċipazzjoni, għalbiex japplikaw għal kull SE għandhom jiġu definiti primarjament permezz ta' ftehim bejn il-partijiet interessati jew, fl-assenza tagħhom, permezz ta' l-applikazzjoni ta' sett ta' regoli sussidjarji.

[…]

(10) Ir-regoli tal-votazzjoni ġewwa l-korp speċjali li jirrappreżenta lill-ħaddiema għall-għanijiet tan-negozjati, b'mod partikolari meta jiġu konklużi ftehimijiet li jipprovdu livell ta' parteċipazzjoni iktar baxx minn dak il-wieħed li jkun jeżisti ġewwa kumpanija parteċipanti jew aktar, għandhom ikunu proporzjonati skond ir-riskju tal-għibien jew it-tnaqqis tas-sistemi u l-prattiki eżistenti tal-parteċipazzjoni. Dan ir-riskju huwa akbar fil-każ ta' SE stabbilita permezz tat-trasformazzjonijew l-inkorporazzjoni milli meta tkun stabbilita permezz tal-ħolqien ta' kumpanija prinċipali (li kollha l-ishma ta' kumpanija/kumpaniji oħra u tikkontrollaha/tikkontrollahom) jew sussidjarja komuni.

[…]

(18) Huwa prinċipju fundamentali u l-għan iddikjarat ta' din id-Direttiva illi tiżgura d-drittijiet miksuba tal-ħaddiema rigward l-involviment fid-deċiżjonijiet tal-kumpanija. Id-drittijiet tal-ħaddiema fis-seħħ qabel l-istabbiliment ta' SE għandhom jipprovdu l-bażi għad-drittijiet ta' l-involviment tal-ħaddiema fis-SE (il-prinċipju ta' 'qabel u wara'). B'konsegwenza ta' dan, dan l-avviċinament għandu japplika mhux biss waqt l-istabbiliment inizjali ta' SE iżda ukoll għall-bidliet strutturali f'SE eżistenti u għall-kumpaniji affettwati mill-proċessi tal-bidliet strutturali.

(19) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu illi r-rappreżentanti tat-trejdunjonijiet jistgħu jkunu memebri ta' korp speċjali tan-negozjati mingħajr ma jitqies jekk humiex impjegati ta' kumpanija parteċipanti fl-istabbiliment ta' SE jew le. F'dan il-kuntest l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jkunu jistgħu idaħħlu dan id-dritt fil-każijiet fejn ir-rappreżentanti tat-trejdunjonijiet ikollhom id-dritt li jkunu membri, u jivvotaw fl-organi tas-sorveljanza u amministrattivi tal-kumpanija skond il-leġislazzjoni nazzjonali."

5. L-Artikolu 1 tad-Direttiva SE intitolat "Għan", jipprovdi:

"1. Din id-Direttiva tirregola l-involviment tal-ħaddiema fl-affarijiet ta' kumpaniji pubbliċi Ewropej ta' liabilità limitata (*Societas Europaea*, minn issa 'l quddiem imsejħa 'SE'), kif riferit fir-[Regolament Nru 2157/2001].

2. Għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti sabiex jiġu involuti l-ħaddiema f'kull SE skond il-proċedura tan-negozjati riferita fl-Artikoli 3 sa 6 jew, skond iċ-ċirkostanzi speċifikati fl-Artikolu 7, bi qbil ma' l-Anness".

6. Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva SE, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-għan ta' din id-Direttiva:

[…]

e) 'rappreżentanti tal-ħaddiema' tfisser ir-rappreżentanti tal-ħaddiema pprovduti skond il-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali;

f) 'korp rappreżentattiv' ifisser il-korp li jirrappreżenta lill-ħaddiema stabbilit bil-ftehimijiet riferiti fl-Artikolu 4 jew skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness, bil-għan illi jgħarraf u jikkonsulta lill-ħaddiema ta' SE u s-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha lokati [fl-Unjoni] u, fejn japplika, jeżerċitaw id-drittijiet tal-parteċipazzjoni fein għandha x'taqsam is-SE;

g) 'korp speċjali tan-negozjati' jfisser korp stabbilit skond l-Artikolu 3 sabiex jinnegozja mal-korp kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti rigward li jiġu stabbiliti l-arranġamenti sabiex jinvolvu l-ħaddiema fis-SE;

h) 'involviment tal-ħaddiema' jfisser kull mekkaniżmu, inklużi t-tagħrif, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu ġewwa l-kumpanija;

[…]

k) 'parteċipazzjoni' tfisser l-influwenza tal-korp tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-affarijiet tal-kumpanija permezz:

– tad-dritt li jeleġġu jew jaħtru wħud mill-membri ta' l-organu superviżorju jew amministrattiv tal-kumpanija […]

– […]"

7. L-Artikolu 3 tad-Direttiva SE, li jinsab fit-Taqsima II, intitolata "Il-Proċedura tan-negozjati", jipprovdi:

"1. Fejn l-organi maniġerjali jew amministrattivi tal-kumpaniji parteċipanti jagħmlu pjan sabiex jistabbilixxu SE, huma għandhom mill-aktar fis possibbli wara li jippubblikaw it-termini ta' l-abbozz […] li jittrasformaw f'SE, jieħdu l-passi meħtieġa […] għalbiex jibdew in-negozjati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-kumpaniji dwar l-arranġamenti għall-involviment tal-ħaddiema fis-SE.

2. Għal dan il-għan, għandu jinħoloq korp speċali tan-negozjati illi jirrappreżenta lill-ħaddiema tal-kumpaniji parteċipanti u tas-sussidjarji jew l-istabbilimenti interessati skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

[…]

b) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodu li jrid jiġi użat għall-elezzjoni jew il-ħatra tal-membri tal-korp speċjali tan-negozjati li għandhom jiġu eletti jew maħtura fit-territorji tagħhom. Għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex kemm jista' jkun jiżguraw illi dawn il-membri jinkludu mill-inqas membru li jirrappreżenta lill-kumpaniji parteċipanti li għandhom ħaddiema fl-Istat Membru interessat. Dawn il-miżuri ma għandhomx iżidu n-numru totali tal-membri.

   L-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi dawn il-membri jistgħu jinkludu r-rappreżentanti tat-trejdunjonijietkemm jekk huma l-ħaddiema ta' kumpanija parteċipanti jew ta' sussidjarja jew ta' stabbliment interessat u kemm jekk le.

[…]

3. Il-korp speċjali tan-negozjati u l-organi kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti għandhom jistabbilixxu, permezz ta' ftehim bil-miktub, l-arranġamenti sabiex jiġu involuti l-ħaddiema ġewwa s-SE.

[…]

4. Bla ħsara għall-paragrafu 6, il-korp speċjali tan-negozjati għandu jieħu d-deċiżjonijiet bil-maġġoranza assoluta tal-membri, sakemm din il-maġġoranza tkun tirrappreżenta wkoll il-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Madankollu, jekk ir-riżultat tan-negozjati jwassal għat-tnaqqis tad-drittijiet tal-parteċipazzjoni, il-maġġoranza meħtieġa għal deċiżjoni sabiex jiġi approvat dan il-ftehim għandha tkun ta' żewġ terzi tal-voti tal-membri tal-korp speċjali tan-negozjati illi jirrappreżenta mill-inqas żewġ terzi tal-ħaddiema, inklużi l-voti tal-membri li jirrappreżentaw lill-ħaddiema impjegati f'mill-inqas żewġ Stati Membri,

– fil-każ ta' SE li trid tiġi stabbilita permezz ta' inkorporazzjoni, jekk il-parteċipazzjoni tkopri mill-inqas 25 % tan-numru ġenerali tal-ħaddiema tal-kumpaniji parteċipanti, jew

– fil-każ ta' SE li trid tiġi stabbilita permezz tal-ħolqien ta' kumpanija prinċipali jew permezz tal-formazzjoni ta' sussidjarja, jekk il-parteċipazzjoni tkopri mill-inqas 50 % tan-numru ġenerali tal-ħaddiema tal-kumpaniji parteċipanti.

It-tnaqqis tad-drittjiet tal-parteċipazzjoni jfisser proporzjon tal-membri ta' l-organi tas-SE fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(k), illi huwa inqas mill-ogħla proporzjon li jeżisti ġol-kumpaniji parteċipanti.

[…]"

8. L-Artikolu 4 tad-Direttiva SE li jirrigwarda l-kontenut tal-ftehim dwar il-modalitajiet tal-involviment tal-ħaddiema fi ħdan l-SE, jinqara kif ġej:

"1. L-organi kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti u l-korp speċjali tan-negozjati għandom jinnegozjaw fi spirtu ta' kooperazzjoni bil-ħsieb illi jilħqu ftehim dwar l-arranġamenti għall-involviment tal-ħaddiema fis-SE.

2. Mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tal-partijiet, u bla ħsara għall-paragrafu 4, il-ftehim riferit fil-paragrafu 1 bejn l-organi kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti u l-korp speċjali tan-negozjati għandu jispeċifika:

[…]

g) jekk, matul in-negozjati, il-partijiet jiddeċiedu illi jistabbilixxu l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni, is-sustanza ta' dawn l-arranġamenti inklużi (jekk japplikaw) in-numru tal-membri fil-korp amministrattiv jew superviżorju tas-SE li l-ħaddiema huma intitolati jeleġġu, jaħtru, jirrakkomandaw jew jopponu, [il-proċeduri sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jeleġġu, jaħtru jew jirrakkomandaw dawn il-membri jew jopponu,] u d-drittijiet tagħhom;

[…]

3. Il-ftehim ma għandux, għajr jekk ikun hemm dispożizzjoni xorta oħra fih, ikun bla ħsara għar-regoli standard riferiti fl-Anness.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(3)(a), fil-każ ta' SE stabbilita permezz ta' trasformazzjoni, il-ftehim għandu jipprovdi mill-inqas l-istess livell ta' l-elementi kollha ta' l-involviment tal-ħaddiema bħal dawk li jeżistu fil-kumpanija li trid tiġi trasformata f'SE".

9. L-Artikolu 7 tad-Direttiva SE intitolat "Ir-regoli standard", jistabbilixxi fil-paragrafi 1 u 2:

"1. Sabiex jinkiseb il-għan deskritt fl-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' hawn taħt, jistabbilixxu r-regoli standard dwar l-involviment tal-ħaddiema illi jridu jissodisfaw id-dispożizzjonijiet iddikjarati fl-Anness.

Ir-regoli standard kif stabbiliti bil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fih irid ikun lokat l-uffiċċju rreġistrat tas-SE għandhom japplikaw mid-data tar-reġistrazzjoni tas-SE fejn jew:

a) hekk jiftiehmu l-partijiet; jew

b) sat-temma taż-żmien stabbilita fl-Artikolu 5, ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim, u:

– l-organu kompetenti ta' kull waħda mill-kumpaniji parteċipanti jiddeċiedi illi jaċċetta li japplika r-regoli standard fejn għandha x'taqsam is-SE u jissokta bir-reġistrazzjoni tas-SE, u

– il-korp speċjali tan-negozjati ma ħax id-deċiżjoni stabbilita fl-Artikolu 3(6).

2. Barra minn dan, ir-regoli standard stabbiliti bil-leġislazzjoni nazzjonali ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni skond il-parti 3 ta' l-Anness għandhom japplikaw biss:

a) fil-każ ta' SE stabbilita permezz ta' trasformazzjoni, jekk ir-regoli ta' Stat Membru li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-korp amministrattiv jew superviżorju kienu japplikaw għal kumpanija trasformata f'SE;

[…]

Jekk kien hemm aktar minn għamla waħda ta' parteċipazzjoni ġewwa l-kumpaniji parteċipanti varji, il-korp speċjali tan-negozjati għandu jiddeċiedi liema minn dawn l-għamliet trid tiġi

stabbilita fis-SE. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu r-regoli li jkunu japplikaw fl-assenza ta' kull deċiżjoni dwar il-materja sabiex SE tiġi rreġistrata fit-territorju tagħhom. Il-korp speċjali tan-negozjati għandu jgħarraf lill-organi kompetenti tal-kumpaniji parteċipanti b'kull deċiżjoni meħuda skond dan il-paragrafu."

10. Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva SE, dwar l-użu ħażin ta' proċedura:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa skond il-liġijiet [tal-Unjoni] bil-ħsieb li jipprevienu l-użu ħażin ta' SE bl-għan li jċaħħdu lill-ħaddiema mid-drittijiet dwar l-involviment tal-ħaddiema jew iż-żamma ta' dawn id-drittijiet".

11. L-Artikolu 13(3) u (4) tad-Direttiva SE jipprovdi:

"3. Din id-Direttiva ma għandhiex tippreġudika:

a) id-drittijiet eżistenti ta' l-involviment tal-ħaddiema pprovduti bil-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali fl-Istati Membri kif igawdu minnhom il-ħaddiema tas-SE u tas-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha, għajr il-parteċipazzjoni fil-korpi tas-SE;

b) id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-korpi stabbiliti bil-liġijiet u/jew il-prattiċi nazzjonali li japplikaw għas-sussidjarji tas-SE.

4. Sabiex jiġu ppriżervati d-drittijiet riferiti fil-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiggarantixxu illi l-istrutturi tar-rappreżentanza tal-ħaddiema fil-kumpaniji parteċipanti li jkunu sejrin jieqfu milli jibqgħu jeżistu bħala entitajiet legali separati jibqgħu mantenuti wara r-reġistrazzjoni tas-SE".

12. L-Anness tad-Direttiva SE jinkludi r-regoli standard imsemmija fl-Artikolu 7 tagħha. Il-Parti 3 ta' dan l-anness, intitolata "Ir-regoli standard għall-parteċipazzjoni", tinqara kif ġej:

"Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema f'SE għandha tkun irregolata permezz tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

a) Fil-każ ta' SE stabbilita permezz ta' trasformazzjoni, jekk ir-regoli ta' l-Istat Membru li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-korp amministrattiv jew superviżorju kienu japplikaw qabel ir-reġistrazzjoni, l-aspetti kollha tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema għandhom jissoktaw japplikaw għas-SE. Il-punt (b) għandu japplika *mutatis mutandis* għal dan il-għan.

b) Fil-każijiet l-oħra dwar l-istabbiliment ta' SE, il-ħaddiema tas-SE, tas-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha u/jew il-korp rappreżentattiv tagħha għandu jkollhom id-dritt li jeleġġu, jaħtru, jirrakkomandaw jew jopponu l-ħatra ta' numru ta' membri tal-korp amministrattiv jew superviżorju tas-SE ugwali għall-ogħla proporzjon fis-seħħ fil-kumpaniji parteċipanti interessati qabel ir-reġistrazzjoni tas-SE.

Jekk l-ebda waħda mill-kumpaniji parteċipanti ma kienet regolata bir-regoli tal-parteċipazzjoni qabel ir-reġistrazzjoni tas-SE, din ta' l-aħħar ma għandhiex tkun meħtieġa li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

Il-korp rappreżentattiv għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tas-siġġijiet fil-korp amministrattiv jew superviżorju fost il-membri li jirrappreżentaw lill-ħaddiema mill-Istati Membri varji jew dwar il-mod li fih il-ħaddiema tas-SE jistgħu jirrakkomandaw jew joppunu l-ħatra tal-membri ta' dawn il-korpi skond il-proporzjon tal-ħaddiema tas-SE f'kull Stat Membru. Jekk il-ħaddiema ta' Stat Membru jew aktar mhumiex koperti b'dan il-kriterju tal-proporzjon, il-korp rappreżentattiv għandu jaħtar membru minn wieħed minn dawn l-Istati Membri, b'mod partikolari mill-Istat Membru ta' l-uffiċċju rreġistrat tas-SE fejn dan ikun xieraq. Kull Stat Membru jista' jistabbilixxi l-allokazzjoni tas-siġġijiet mogħtija lilu fil-korp amministrattiv jew superviżorju.

[…]"

B. Id-dritt Ġermaniż

1. Il-MitbestG

13. L-Artikolu 7 tal-Gesetz über die Mitbestimmung der Arbeitnehmer (il-Liġi dwaril-Parteċipazzjoni tal-Impjegati fit-Tmexxija) [6], tal-4 ta' Mejju 1976, kif emendata bil-Liġi tal-24 ta' April 2015 [7], jipprovdi:

"(1) Il-bord superviżorju ta' impriża,

1. li tipikament ma timpjegax iktar minn 10 000 ħaddiem, għandu jkun kompost minn sitt rappreżentanti tal-azzjonisti u sitt rappreżentanti tal-ħaddiema;

2. li tipikament tinkludi iktar minn 10 000 ħaddiem, iżda mhux iktar minn 20 000 ħaddiem, għandu jkun kompost minn tmien rappreżentanti tal-azzjonisti u tmien rappreżentanti tal-ħaddiema;

3. li tipikament timpjega iktar minn 20 000 ħaddiem, għandu jkun kompost minn għaxar rappreżentanti tal-azzjonisti u għaxar rappreżentanti tal-ħaddiema.

[…]

(2) Fost il-membri tal-bord superviżorju li jirrappreżentaw il-ħaddiema għandu jkun hemm

1. meta dan il-bord superviżorju jinkludi sitt rappreżentanti tal-ħaddiema, erba' ħaddiema tal-impriża u żewġ rappreżentanti tas-sindakati;

2. meta dan il-bord superviżorju jinkludi tmien rappreżentanti tal-ħaddiema, sitt ħaddiema tal-impriża u żewġ rappreżentanti tas-sindakati;

3. meta dan il-bord superviżorju jinkludi għaxar rappreżentanti tal-ħaddiema, seba' ħaddiema tal-impriża u tliet rappreżentanti tas-sindakati;

[…]

[6] BGBl. 1976 I, p. 1153.

[7] BGBl. 2015 I, p. 642, iktar 'il quddiem il-"MitbestG".

(5) Is-sindakati imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu rappreżentati fl-impriża stess jew f'impriża oħra li l-ħaddiema tagħha jipparteċipaw fl-elezzjoni tal-membri tal-bord superviżorju tal-impriża skont din il-liġi".

14. L-Artikolu 16 tal-MitbestG jipprovdi, għal dak li jirrigwarda l-elezzjoni tar-rappreżentanti tas-sindakati fil-bord superviżorju:

"(1) Id-delegati jeleġġu l-membri tal-bord superviżorju li jirrappreżentaw is-sindakati skont l-Artikolu 7(2) b'votazzjoni sigrieta u fl-osservanza tal-prinċipji tal-votazzjoni proporzjonata […]

(2) L-elezzjoni tiżvolġi abbażi ta' kandidaturi nominati mis-sindikati rappreżentati fl-impriża nnifisha jew f'impriża oħra li l-ħaddiema tagħha jipparteċipaw fl-elezzjoni tal-membri tal-bord superviżorju tal-impriża skont din il-liġi. […]"

2. Is-SEBG

15. Il-Gesetz über die Beteiligung der Arbeitnehmer in einer Europäischen Gesellschaft (il-Liġi dwar l-Involviment tal-Impjegati fi Ħdan Kumpannija Ewropea)[8], tat-22 ta' Diċembru 2004, kif emendata mil-Liġi tal-20 ta' Mejju 2020[9], fil-verżjoni tagħha fis-seħħ sa mill-1 ta' Marzu 2020, tistabbilixxi fl-Artikolu 2(8) u (12) tagħha, id-definizzjonijiet li ġejjin:

"(8) L-involviment tal-ħaddiema jirreferi għal kwalunkwe proċedura, inkluż l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħha r-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fi ħdan l-impriża.

[…]

(12) 'Parteċipazzjoni' tfisser l-influwenza tal-ħaddiema fuq l-affarijiet ta' kumpannija

1. billi jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jeleġġu jew jinnominaw parti mill-membri tal-korp superviżorju jew amministrattiv tal-kumpannija […]"

16. L-Artikolu 21 tas-SEBG, intitolat "Kontenut tal-ftehim", jipprovdi:

"(1) Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tal-partijiet u soġġett għall-paragrafu 6, il-ftehim bil-miktub bejn it-tmexxija u l-groupe speċjali tan-negozjati jistabbilixxi:

[…]

(3) Jekk jiġi konkluż ftehim ta' parteċipazzjoni bejn il-partijiet, il-kontenut tiegħu għandu jiġi speċifikat. B'mod partikolari, għandu jkun hemm ftehim dwar:

1. in-numru ta' membri tal-korp superviżorju jew amministrattiv tas-SE, li jistgħu jeleġġu jew jaħtru l-ħaddiema jew li jistgħu jirrakkomandaw jew jirrifjutaw il-ħatra tagħhom;

[8] BGBl. 2004 I, p. 3686.

[9] BGBl. 2020 I, p. 1044, iktar 'il quddiem is-"SEBG".

2. il-proċedura li tippermetti lill-ħaddiema jeleġġu jew jaħtru dawn il-membri jew jirrakkomandaw jew jirrifjutaw il-ħatra tagħhom, u

3. id-drittijiet ta' dawn il-membri.

[…]

(6) Mingħajr preġudizzju għar-relazzjoni bejn din il-liġi u dispożizzjonijiet oħra relattivi għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-kumpannija, fil-każ ta' SE stabbilita permezz ta' trasformazzjoni, il-ftehim għandu jipprovdi, għall-elementi kollha tal-involviment tal-ħaddiema, livell tal-inqas ekwivalenti għal dak li jeżisti fil-kumpannija li trid tiġi trasformata f'SE […]"

III. Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17. Fl-2014, kumpannija b'responsabbiltà limitata taħt id-dritt Ġermaniż ġiet ittrasformata f'SE b'sistema duwalista, imsejħa SAP SE, wara li kkonkludiet ftehim mal-GSN dwar l-involviment tal-ħaddiema f'din il-kumpannija (iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' involviment").

18. Qabel it-trasformazzjoni, il-bord superviżorju tal-kumpannija, skont l-Artikolu 7(1) u (2) tal-MitbestG, kien kompost minn tmien membri li jirrappreżentaw l-azzjonisti u tmien membri li jirrappreżentaw il-ħaddiema. Fost ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, tnejn kienu rappreżentanti tas-sindakati, eletti waqt votazzjoni separata minn dik li twassal għall-elezzjoni tas-sitt rappreżentanti l-oħra tal-ħaddiema.

19. Wara t-trasformazzjoni, b'konformità mal-ftehim ta' involviment, il-kumpannija SAP SE għandha bord superviżorju ta' tmintax-il membru li disa' membri minnhom huma rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-punt 3.1 tal-Parti II tal-ftehim ta' involviment jipprovdi li huma biss ħaddiema tal-grupp SAP jew rappreżentanti tas-sindakati rappreżentati fi ħdan il-grupp li jistgħu jiġu nominati jew maħtura bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fil-bord superviżorju. Il-punt 3.3 ta' din il-parti tal-ftehim jagħti dritt esklużiv ta' nomina ta' parti mir-rappreżentanti tal-ħaddiema allokati lill-Ġermanja favur is-sindakati, b'dawn ir-rappreżentanti sindakali jkunu l-oġġett ta' elezzjoni b'votazzjoni separata.

20. Peress li SAP SE pprevediet li tnaqqas il-bord superviżorju tagħha għal tnax-il membru, is-sindakati kkontestaw id-dispożizzjonijiet tal-punt 3.4 tal-imsemmija parti tal-ftehim li jipprovdu li, f'każ ta' bord superviżorju kompost minn tnax-il membru, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema korrispondenti għall-ewwel erba' siġġijiet allokati lill-Ġermanja jiġu eletti mill-ħaddiema impjegati fil-Ġermanja u s-sindakati rappreżentati fi ħdan il-grupp jistgħu jinnominaw kandidati għal parti mis-siġġijiet allokati lill-Ġermanja, mingħajr madankollu ma jibbenefikaw minn votazzjoni separata għall-elezzjoni tal-kandidati tagħhom. Dawn is-sindakati jqisu li dawn id-dispożizzjonijiet imorru kontra l-Artikolu 21(6) tas-SEBG, fin-nuqqas li jipprovdu, għall-benefiċċju tagħhom, dritt esklużiv ta' nomina, iggarantit minn votazzjoni separata, ta' rappreżentanti tal-ħaddiema fil-bord superviżorju. Mill-banda l-oħra, SAP SE tqis li d-dritt esklużiv tal-imsemmija sindakati li jinnominaw kandidati, previst fl-Artikolu 7(2), flimkien mal-Artikolu 16(2) tal-MitbestG, ma huwiex protett mill-Artikolu 21(6) tas-SEBG.

21. Adita minn appell kontra d-deċiżjoni tal-ewwel istanza li ċaħdet ir-rikors tas-sindakati, b'mod partikolari ta' Industriegewerkschaft Metall (iktar 'il quddiem "IG Metall") u Vereinte Dienstleistungsgewerkschaft (iktar 'il quddiem "ver.di"), il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar

il-validità tar-regoli ta' nomina tal-membri li jirrappreżentaw il-ħaddiema ta' bord superviżorju ridott għal tnax-il membru, previsti mill-ftehim ta' involviment, fid-dawl tal-Artikolu 21(6) tas-SEBG u tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE.

22. Fl-ewwel lok, hija tesponi li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-ftehim ta' involviment ma humiex kompatibbli mal-interpretazzjoni, skont il-metodi rilevanti ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, tal-Artikolu 21(6) tas-SEBG li ttraspona l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE.

23. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tqis li l-awtonomija rikonoxxuta lill-partijiet sabiex jaslu għal ftehim ta' involviment hija suġġetta, f'każ ta' ħolqien ta' SE permezz ta' trasformazzjoni ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, għall-osservanza, fir-rigward tal-elementi kollha tal-involviment tal-ħaddiema, ta' livell tal-inqas ekwivalenti għal dak li jeżisti fil-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata. Hija żżid li dawn l-elementi tal-involviment tal-ħaddiema għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-dritt nazzjonali rilevanti skont proċeduri ta' involviment fil-kumpannija li ser tiġi ttrasformata. Hija tqis li l-elementi proċedurali li jikkaratterizzaw b'mod determinanti l-influwenza tal-ħaddiema fil-kumpannija li ser tiġi ttrasformata għandhom jiġu ggarantiti kwalitattivament b'mod ekwivalenti fil-ftehim ta' involviment applikabbli għas-SE. Din il-qorti tispeċifika li l-proċedura ta' votazzjoni separata għar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jistgħu jkunu esterni għall-kumpannija, nominati mis-sindakati u rappreżentati fil-kumpannija li ser tiġi ttrasformata jew f'impriża oħra li fiha l-ħaddiema jipparteċipaw fl-elezzjoni tal-membri tal-bord superviżorju, tifforma parti mill-elementi proċedurali li jikkaratterizzaw l-influwenza tal-ħaddiema u li, f'dan ir-rigward, hija għandha tkun iggarantita permezz ta' miżuri kwalitattivament ekwivalenti fil-ftehim ta' involviment. L-imsemmija qorti tindika li l-garanzija taż-żamma tal-ekwivalenza tal-involviment tirrigwarda wkoll in-numru ta' rappreżentanti tas-sindakati li għandhom jiġu eletti permezz ta' votazzjoni separata u li dan id-dritt esklużiv ta' nomina għandu jkun miftuħ għas-sindakati kollha, u mhux għas-sindakati Ġermaniżi biss. Hija żżid li din il-votazzjoni separata tippermetti l-elezzjoni ta' persuni li għandhom livell għoli ta' konoxxenza tal-kundizzjonijiet u tal-bżonnijiet tal-impriża, filwaqt li jkunu esperti esterni u indipendenti. L-istess qorti tikkonkludi li l-mekkaniżmu previst mill-ftehim ta' involviment f'każ ta' bord superviżorju ta' tnax-il membru, billi ma jipprovdix votazzjoni speċifika sabiex jiġu eletti l-kandidati nominati mis-sindakati, ma jiggarantixxix b'mod suffiċjenti l-preżenza ta' kandidat tas-sindakati fi ħdan il-bord superviżorju u għalhekk ma huwiex konformi mal-Artikolu 21(6) tas-SEBG.

24. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-konformità ta' din l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha fid-dawl tar-rekwiżiti tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE.

25. Fil-fatt, din il-qorti tqis li jekk dan l-artikolu tad-Direttiva SE għandu jiġi bbażat fuq perċezzjoni differenti tal-livell ta' protezzjoni uniformi u ridotta fl-Unjoni kollha, hija jkollha tipproċedi għal interpretazzjoni tal-Artikolu 21(6) tas-SEBG konformi mad-dritt tal-Unjoni.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 21(6) ta[s-SEBG], li jipprovdi li, fil-każ li tiġi kkostitwita [SE] permezz ta' trasformazzjoni, stabbilita fil-Ġermanja, għandha tiġi żgurata proċedura ta' selezzjoni separata għall-kandidati nnominati mis-sindakat, fir-rigward ta' ċertu numru mill-membri tal-bord superviżorju li jirrappreżentaw lill-ħaddiema, huwa konformi mal-Artikolu 4(4) tad-[Direttiva SE]?"

27. IG Metall, ver.di, SAP SE, il-Konzernbetriebsrat der SAP SE (il-Kumitat ta' Impriża tal-Grupp ta' SAP SE), il-Gvern Ġermaniż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Dawn il-partijiet, bl-eċċezzjoni tal-Kumitat ta' Impriża tal-Grupp ta' SAP SE, ippreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom, l-istess bħall-Gvern Lussemburgiż, waqt is-seduta li nżammet fis-7 ta' Frar 2022.

IV. Analiżi

28. Qabel nindirizza d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, għandhom isiru xi osservazzjonijiet rigward il-validità tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE fid-dawl tad-dritt primarju, u b'mod iktar preċiż, fid-dawl tal-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment, kif ukoll tal-Artikoli 16, 17 u 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, SAP SE ssostni li dan l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE jostakola dawn il-libertajiet u drittijiet b'mod li mhux neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament Nru 2157/2001 kif ukoll tad-Direttiva SE li jinħoloq is-suq intern u li jiġu promossi l-għanijiet Komunitarji fil-qasam soċjali, peress li dawn jistgħu jintlaħqu bl-istess mod permezz tar-regoli l-oħra li jirrigwardaw il-proċedura ta' negozjati tal-ftehim ta' involviment kif ukoll permezz tal-eżistenza tar-regoli standard applikabbli f'każ li n-negozjati jfallu.

29. Dwar dawn il-punti, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li hija esklużivament il-qorti tar-rinviju li għandha tiddefinixxi s-suġġett tad-domandi li hija tkun trid tagħmel, u min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 267 TFUE ma jagħtix rimedju ġudizzjarju lill-partijiet f'tilwima pendenti quddiem il-qorti nazzjonali, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiġi obbligata tevalwa l-validità tad-dritt tal-Unjoni għas-sempliċi raġuni li din il-kwistjoni kienet tqajmet quddiemha minn waħda mill-partijiet fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha [10].

30. F'dan il-każ, id-domanda preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE, mingħajr ma l-qorti tar-rinviju tindika li għandha dubji dwar il-validità ta' din id-dispożizzjoni jew li l-kwistjoni ta' din il-validità tqajmet quddiemha. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiddeċiedi dwar l-imsemmija validità.

31. Dwar il-mertu, din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, dwar jekk għandhiex tinżamm il-votazzjoni speċifika sabiex jiġu eletti r-rappreżentanti tas-sindakati fi ħdan il-bord superviżorju ta' SE li nħolqot mit-trasformazzjoni ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata tad-dritt Ġermaniż, b'applikazzjoni tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE, jew jekk tistax tiġi esklużа permezz tan-negozjati tal-ftehim ta' involviment previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva SE.

A. Tfakkira fil-qosor tar-regoli applikabbli għall-ħolqien ta' SE permezz ta' trasformazzjoni

32. Ta' min ifakkar li l-unanimità meħtieġa għall-adozzjoni tad-Direttiva SE ma ppermettietx li twassal għal armonizzazzjoni, jew anki għal uniformizzazzjoni, tas-sistema ta' involviment tal-ħaddiema fi ħdan kumpanniji stabbiliti skont id-dritt tal-Istati Membri. Madankollu, id-Direttiva SE tagħti definizzjoni tal-involviment tal-ħaddiema li tinkludi tliet aspetti prinċipali: "kull mekkaniżmu, inklużi t-tagħrif, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu ġewwa l-kumpanija" [11]. Bl-istess mod, id-Direttiva SE iddefinixxiet il-parteċipazzjoni bħala

[10] Ara s-sentenza tal-5 ta' Mejju 2011, MSD Sharp & Dohme (C-316/09, EU:C:2011:275, punti 21 u 23, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[11] Artikolu 2(h) tad-Direttiva SE.

"l-influwenza tal-korp tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-affarijiet tal-kumpanija permezz: tad-dritt li jeleġġu […] wħud mill-membri ta' l-organu superviżorju […] tal-kumpanija […]"[12].

33. Fin-nuqqas tal-armonizzazzjoni tal-metodi ta' involviment, huma mħeġġa n-negozjati bejn il-korpi kompetenti tal-kumpannija u l-GSN, li jirrappreżenta l-ħaddiema tal-entitajiet ikkonċernati mill-ħolqien tas-SE, sabiex iwassal għal ftehim ta' involviment li għandu jinkludi ċertu numru ta' elementi, fosthom, b'mod partikolari, jekk il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema tiħux il-forma ta' elezzjoni ta' rappreżentanti ta' dawn il-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju, bħal f'dan il-każ, in-numru ta' dawn ir-rappreżentanti fi ħdan il-bord u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti sabiex jiġu eletti[13]. Madankollu, dawn in-negozjati huma bbażati fuq prinċipju "qabel u wara", stabbilit fil-premessa 18 tad-Direttiva SE kif ġej: "[i]d-drittijiet tal-ħaddiema fis-seħħ qabel l-istabbiliment ta' SE għandhom jipprovdu l-bażi għad-drittijiet ta' l-involviment tal-ħaddiema fis-SE". Barra minn hekk, din il-premessa tipprovdi prinċipju ta' garanzija tad-drittijiet miksuba mill-ħaddiema fil-qasam tal-involviment.

34. Fl-assenza ta' ftehim, huma applikabbli għas-SE regoli standard previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih tkun irreġistrata[14] u konformi mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva SE. Fost dawn il-prinċipji hemm, f'każ ta' trasformazzjoni, ir-regola li tipprovdi, "jekk ir-regoli ta' l-Istat Membru li għandhom x'jaqsmu mal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-korp […] superviżorju kienu japplikaw qabel ir-reġistrazzjoni, l-aspetti kollha tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema għandhom jissoktaw japplikaw għas-SE. Il-punt (b) għandu japplika *mutatis mutandis* għal dan il-għan"[15]. Il-punt (b) tal-Parti 3 tal-Anness tad-Direttiva SE jistabbilixxi li, "[f]il-każijiet l-oħra dwar l-istabbiliment ta' SE, il-ħaddiema tas-SE, tas-sussidjarji u l-istabbilimenti tagħha […] għandu jkollhom id-dritt li jeleġġu […] numru ta' membri tal-korp […] superviżorju tas-SE ugwali għall-ogħla proporzjon fis-seħħ fil-kumpaniji parteċipanti interessati qabel ir-reġistrazzjoni tas-SE".

35. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi rrilevat li l-ħolqien ta' SE permezz ta' trasformazzjoni huwa mdawwar minn salvagwardji addizzjonali fir-rigward ta' tliet modalitajiet oħra ta' ħolqien. Għalhekk, fl-ewwel lok, f'każ ta' trasformazzjoni, ma huwiex possibbli la li tirrinunzja għall-bidu tan-negozjati fi ħdan il-GSN u lanqas li tagħlaqhom, mingħajr ma jkunu applikabbli r-regoli standard[16]. Għaldaqstant, f'każ ta' trasformazzjoni ta' kumpannija suġġetta għall-parteċipazzjoni, jew in-negozjati jwasslu għal ftehim ta' involviment li josserva r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE, jew japplikaw ir-regoli standard speċifiċi għat-trasformazzjoni. Fit-tieni lok, f'każ ta' trasformazzjoni, ma huwiex possibbli li l-GSN jivvota għal tnaqqis tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni, bi tnaqqis ifisser "proporzjon tal-membri ta' l-organi tas-SE fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(k), illi huwa inqas mill-ogħla proporzjon li jeżisti ġol-kumpaniji parteċipanti"[17]. Fit-tielet lok, ir-Regolament Nru 2157/2001 jipprovdi wkoll żewġ protezzjonijiet f'każ ta' ħolqien permezz ta' trasformazzjoni: minn naħa, il-projbizzjoni ta' trasferiment tal-uffiċċju reġistrat waqt it-trasformazzjoni (Artikolu 37(3) ta' dan ir-regolament), u min-naħa l-oħra, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jissuġġettaw trasformazzjoni għal vot favorevoli ta' maġġoranza kwalifikata jew tal-unanimità tal-membri fi ħdan il-korp tal-kumpannija li ser tiġi ttrasformata li fih il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema hija organizzata (Artikolu 37(8) tal-imsemmi regolament).

12 Artikolu 2(k) tad-Direttiva SE.

13 Ara l-Artikolu 4(2)(g) tad-Direttiva SE.

14 Ara l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva SE.

15 Parti 3(a) tal-Anness tad-Direttiva SE.

16 Ara l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva SE.

17 Artikolu 3(4) tad-Direttiva SE.

36. Huwa f'dan l-ambjent li għandu jiġi interpretat l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE. Din l-interpretazzjoni tirrigwarda żewġ elementi distinti: minn naħa, "l-elementi kollha ta' l-involviment tal-ħaddiema", u min-naħa l-oħra "mill-inqas l-istess livell […] bħal dawk li jeżistu fil-kumpanija li trid tiġi trasformata f'SE". Ser nibda l-analiżi tiegħi bit-tieni element.

B. L-interpretazzjoni tal-espressjoni "mill-inqas l-istess livell […] bħal dawk li jeżistu fil-kumpanija li trid tiġi trasformata f'SE"

37. Fl-ewwel lok, dan it-tieni element jirreferi mingħajr dubju għad-dritt nazzjonali applikabbli għall-involviment tal-ħaddiema fil-kumpannija li ser tiġi ttrasformata.

38. Madankollu, dan ma jfissirx li r-regoli kollha applikabbli għal din il-kumpannija ser ikomplu japplikaw għas-SE. Fil-fatt, hija biss l-applikazzjoni tar-regoli standard fil-każ ta' falliment tan-negozjati li ser tippermetti ż-żamma, mingħajr tibdil, tar-regoli applikabbli sa dakinhar għall-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata, peress li skont ir-regoli standard tal-Parti 3 tal-Anness tad-Direttiva SE preżentati preċedentement, fil-każ ta' trasformazzjoni, l-elementi kollha tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema jkomplu japplikaw skont il-punt (a) ta' din il-Parti 3, b'mod partikolari l-ogħla proporzjon tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju, skont il-punt (b) tal-imsemmija Parti 3, li japplika *mutatis mutandis*. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li tiddikjara SAP SE, jeżisti tabilħaqq bonus għan-negozjati peress li l-GSN jista' jeskludi d-dritt nazzjonali, sa fejn permess mill-interpretazzjoni tal-element l-ieħor tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE.

39. Fit-tieni lok, għandu jsir l-istess raġunament għall-garanzija tal-assenza ta' tmiem jew dgħufija tas-sistema ta' involviment kif ukoll tad-drittijiet miksuba tal-ħaddiema fil-qasam tal-involviment u għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "qabel u wara", stabbilit fil-premessi 3 u 18 tad-Direttiva SE.

C. L-interpretazzjoni tal-espressjoni "l-elementi kollha ta' l-involviment"

40. Wieħed jista' jkun imħajjar isegwi r-raġunament ta' SAP SE. Din il-kumpannija tipproponi interpretazzjoni uniformi fil-livell tal-Unjoni ta' dawn l-"elementi" fis-sens li fil-qasam tal-parteċipazzjoni, jirrigwardaw biss il-proporzjon u l-influwenza tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju, mingħajr il-ħtieġa ta' votazzjoni speċifika għar-rappreżentanti sindakali. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tista' tkun ibbażata fuq diversi elementi.

41. Minn naħa, fis-sens strett, id-Direttiva SE ma tipproteġix id-drittijiet tas-sindakati, iżda dawk tal-ħaddiema, peress li s-sindakati ma humiex imsemmija espressament fid-Direttiva SE ħlief fir-rigward tal-kostituzzjoni tal-GSN[18]. Madankollu, din l-unika darba li jissemmew tista' tiġi spjegata mill-fatt li, għal din il-kostituzzjoni, ma jeżistux regoli nazzjonali bħala ipoteżi u li kien meħtieġ li tiġi pprovduta l-parteċipazzjoni espressa tas-sindakati, li r-rwol tagħhom huwa previst minn ċerti drittijiet nazzjonali.

[18] Ara l-Artikolu 3(2)(b) u l-premessa 19 tad-Direttiva SE.

42. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni, meta dan huwa invokat fid-Direttiva SE, huwa previst bħala tnaqqis tal-proporzjon tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan kumpanniji parteċipanti [19]. B'mod analogu, id-Direttiva (UE) 2017/1132 [20], tipprovdi li, f'każ ta' trasformazzjoni transkonfinali, ir-regoli tal-Istat Membru ta' destinazzjoni fil-qasam ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiema ma japplikawx jekk id-dritt tal-Istat Membru ta' destinazzjoni ma jipprovdix "tal-anqas l-istess livell ta' parteċipazzjoni tal-impjegati kif operata fil-kumpanija transkonfinali qabel il-konverżjoni transkonfinali, imkejla b'referenza għall-proporzjon ta' rappreżentanti tal-impjegati fost il-membri tal-korp amministrattiv jew superviżorju" [21]. L-istess formulazzjoni hija użata għad-diviżjonijiet transkonfinali [22] u għall-amalgamazzjonijiet transkonfinali [23].

43. Għalhekk, f'dawn il-każijiet, il-livell ta' parteċipazzjoni huwa evalwat skont il-proporzjon ta' rappreżentanti ta' ħaddiema fi ħdan il-korp ikkonċernat. Minkejja li wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li l-proporzjoni tagħmel parti mill-elementi protetti tal-parteċipazzjoni, mill-banda l-oħra, dan ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi eskluż il-fatt li elementi oħra ta' din il-parteċipazzjoni jistgħu jiġu protetti bl-istess mod, bil-kundizzjoni li jkollhom impatt fuq l-influwenza tal-ħaddiema fit-tmexxija tal-kumpannija.

44. Fil-fatt, fil-każijiet imsemmija fid-Direttiva 2017/1132, dan ir-riferiment għall-proporzjon jiġi f'mument tal-proċess fejn huwa neċessarju li jiġi determinat, fl-ewwel lok, id-dritt applikabbli għall-operat għal dak li jirrigwarda d-drittijiet ta' parteċipazzjoni, u fit-tieni lok, jekk għandhomx jibdew in-negozjati permezz ta' intermedjarju ta' GSN sabiex jiġu determinati dawn id-drittijiet, fatt li jeħtieġ kriterju oġġettiv, mhux suġġett għal diskussjoni.

45. Rigward ir-riferiment għal dan il-proporzjon fl-aħħar tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva SE, dan lanqas ma huwa suffiċjenti sabiex jeskludi l-fatt li elementi oħra tal-parteċipazzjoni jistgħu jkunu protetti, peress li dan l-artikolu jirrigwarda l-metodi l-oħra ta' ħolqien tas-SE. Dan huwa perfettament koerenti mal-fatt li r-regoli standard għal dawn il-metodi ta' ħolqien jipproteġu biss il-proporzjon [24].

46. Barra minn hekk, peress li l-formulazzjoni nnifisha hija partikolarment wiesgħa, jiġifieri "l-elementi kollha ta' l-involviment tal-ħaddiema", hija ma tistax twassal sabiex jiġi sostnut li proporzjon fi ħdan il-bord superviżorju biss huwa protett, filwaqt li l-kontenut tal-ftehim ta' involviment għandu jirrigwarda mhux biss in-numru ta' rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan dan il-bord, iżda wkoll il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-elezzjoni ta' dawn tal-aħħar [25].

47. Minkejja li ċerti elementi proċedurali għandhom jibbenefikaw mill-istess protezzjoni bħall-proporzjon, madankollu m'iniex konvint li l-elementi proċedurali kollha għandhom l-istess valur, anki jekk għad ikollhom influwenza fuq it-tmexxija tal-kumpannija.

[19] Ara l-aħħar parti tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva SE.

[20] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU 2017, L. 169, p. 46), kif emendata mid-Direttiva (UE) 2019/2121 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 (ĠU 2019, L 321, p. 1, rettifika fil-ĠU 2020, L 20, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2017/1132).

[21] Artikolu 86l(2)(a) tad-Direttiva 2017/1132.

[22] Ara l-Artikolu 160l(2)(a) tad-Direttiva 2017/1132.

[23] Ara l-Artikolu 133(2)(a) tad-Direttiva 2017/1132.

[24] Ara l-Parti 3(b) tal-Anness tad-Direttiva SE.

[25] Ara l-Artikolu 4(2)(g) tad-Direttiva SE.

48. Is-sindakati rikorrenti fil-kawża prinċipali jaqblu ma' din il-perspettiva, peress li huwa evidenti li ma kkontestawx it-tnaqqis tal-bord superviżorju għal tnax-il membru, peress li n-numru ta' membri ta' dan il-bord jiddependi mill-kobor tal-kumpannija, mingħajr deroga, fid-dritt Ġermaniż. Għalhekk, huma aċċettaw li n-numru ta' membri tal-imsemmi bord jista' jkun is-suġġett ta' negozjati, kif aċċettaw waqt is-seduta li jistgħu jeżistu diversi modalitajiet ta' tqassim tas-siġġijiet tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, bil-kundizzjoni li tiġi osservata l-votazzjoni separata sabiex jeleġġu l-kandidati tas-sindakati (proporzjon li għandha tapplika biss fuq is-siġġijiet attribwiti fil-Ġermanja [26] jew proporzjon globali billi s-sindakati kollha tal-entitajiet ikkonċernati jkunu jistgħu jqasmu is-siġġijiet riżervati għalihom [27]).

49. Għalhekk, l-element proċedurali għandu jkollu influwenza fuq it-teħid ta' deċiżjoni fi ħdan il-korp ikkonċernat peress li, kif rajna, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema hija ddefinita bħala l-influwenza tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fuq l-affarijiet ta' kumpannija [28]. Għalhekk, dan il-kriterju tal-influwenza jippermetti li wieħed jifhem li n-numru totali ta' membri tal-bord superviżorju jista' jkun is-suġġett ta' negozjati jekk il-proporzjon hija osservata.

50. Madankollu, l-imsemmi kriterju huwa ta' applikazzjoni iktar delikata meta tkun kwistjoni ta' protezzjoni jew le tal-votazzjoni speċifika li minnha jibbenefikaw is-sindakati, peress li dan iwassal għal ġudizzju ta' valur dwar il-kontribuzzjoni tar-rappreżentanti sindakali meta mqabbla mar-rappreżentanti l-oħra tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju. Kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll IG Metall u ver.di jinvokaw dottrina Ġermaniża maqsuma fil-qasam, minkejja li t-tlieta jikkonkludu li l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema hija mtejba bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti sindakali. Għaldaqstant, ma huwiex prevedibbli li dan huwa element li għandu jiġi evalwat każ b'każ u l-uniku mod sabiex jiġi evitat dan il-ġudizzju ta' valur huwa billi wieħed jistrieħ fuq l-evalwazzjoni mogħtija mid-dritt nazzjonali.

51. Barra minn hekk, is-sindakati u l-Gvern Ġermaniż jipproponu l-kriterju tal-element karatteristiku tal-proċedura fil-livell nazzjonali tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema sabiex jiġu distinti l-elementi li ma jistgħux ikunu l-oġġett ta' negozjati. Jidhirli li dan il-kriterju juri wkoll l-idea li l-influwenza, meta tkun marbuta ma' elementi kwalitattivi, ma tistax tkun l-oġġett ta' evalwazzjoni jew ta' negozjati każ b'każ, iżda għandha tkun evalwata skont l-għażliet magħmulin fid-dritt intern, sakemm ma tinkisibx armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Fil-fatt, huwa neċessarju li l-GSN ikollu indikazzjonijiet ċari dwar dak li jaqa' fil-libertà ta' negozjati tiegħu u dak li għandu jinżamm mir-regoli nazzjonali.

52. Għalhekk, ma hemmx dubju li l-votazzjoni speċifika għar-rappreżentanti tas-sindakati hija element karatteristika tas-sistema ta' parteċipazzjoni fil-Ġermanja u li ma tistax tkun l-oġġett ta' negozjati.

[26] Li jkun konformi mal-loġika li tirregola l-aħħar parti tat-tielet subparagrafu tal-Parti 3(b) tal-Anness tad-Direttiva SE (regoli standard) li tindika li "[k]ull Stat Membru jista' jistabbilixxi l-allokazzjoni tas-siġġijiet mogħtija lilu fil-korp amministrattiv jew superviżorju".

[27] Li jkun iktar konformi mal-loġika segwita fis-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-635/11, EU:C:2013:408, punti 40 u 41), li tinterpreta l-prinċipju ta' "qabel u wara" bħala li jimponi l-estensjoni tad-drittijiet ta' parteċipazzjoni għall-ħaddiema kollha kkonċernati mill-ħolqien ta' SE.

[28] Ara l-Artikolu 2(k) tad-Direttiva SE.

53. Jidhirli li l-interpretazzjoni sostnuta tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE ser tapplika, minħabba l-użu tal-istess kliem, għall-kumpanniji kooperattivi Ewropej [29], u b'referenza għal din id-dispożizzjoni, għad-diviżjonijiet [30] u trasformazzjonijiet [31] transkonfinali.

54. Minkejja li l-qorti tar-rinviju ma tistaqsix direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjonijiet ta' estensjoni ta' dan id-dritt għal votazzjoni separata għall-ħaddiema kollha kkonċernati mit-trasformazzjoni, tal-ftuħ ta' din il-votazzjoni għal sindakati oħra minbarra s-sindakati Ġermaniżi u tal-possibbiltà li jiġu ppreżentati kandidati tas-sindakati, kemm jekk ikunu impjegati ta' entità kkonċernata u kemm jekk ma jkunux, dawn il-kwistjonijiet huma marbutin għaliex jidhru fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha. Għalhekk, jidhirli interessanti li jingħataw tweġiba fil-qosor, u dan iktar u iktar meta t-tweġibiet jistgħu jiġu dedotti mid-Direttiva SE u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

55. Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mid-"Direttiva SE jirriżulta li l-garanzija tad-drittijiet miksuba li ried il-leġiżlatur tal-Unjoni timplika mhux biss iż-żamma tad-drittijiet miksuba tal-impjegati fil-kumpanniji li jipparteċipaw għall-amalgamazzjoni, iżda wkoll l-estensjoni ta' dawn id-drittijiet għall-impjegati kollha kkonċernati" [32]. Għalhekk, jidhirli li huwa ċar li l-ħaddiema kollha għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din il-votazzjoni speċifika, anki jekk id-dritt nazzjonali ma jippermettix dan [33]. Barra minn hekk, il-ftehim ta' involviment jista' jiddetermina l-modalitajiet preċiżi tal-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Dan jista' jwassal lill-GSN, fil-kuntest tan-negozjati, jaċċetta li sindakati oħra minbarra s-sindakati Ġermaniżi jistgħu jippreżentaw kandidati, mingħajr ma dan jirriżulta la minn obbligu tad-Direttiva SE, u lanqas, bħala ipoteżi, mid-dritt nazzjonali. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-pożizzjoni meħuda fid-Direttiva SE li tippermetti l-parteċipazzjoni fil-GSN ta' rappreżentanti sindakali mhux impjegati f'entità kkonċernata mit-trasformazzjoni [34], u sa fejn dan huwa l-każ fid-dritt nazzjonali tal-kumpannija li ser tiġi trasformata, il-kandidati tas-sindakati jistgħu jkunu kandidati mhux impjegati f'tali entità.

56. Għalhekk, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva SE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ftehim relattiv għall-involviment tal-ħaddiema f'SE maħluqa permezz ta' trasformazzjoni għandu jipprovdi votazzjoni separata sabiex jiġu eletti, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju, ċertu proporzjon ta' kandidati preżentati mis-sindakati, meta din l-partikolarità teżisti u hija imperattiva fid-dritt nazzjonali applikabbli għall-kumpannija li għandha tiġi trasformata.

[29] Ara l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment ta' l-impjegati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 338).

[30] Ara l-Artikolu 160l(2)(b) tad-Direttiva 2017/1132.

[31] Ara l-Artikolu 86l(2)(b) tad-Direttiva 2017/1132.

[32] Sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-635/11, EU:C:2013:408, punt 41).

[33] Ara l-fatti tal-kawża li tat lok għas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2017, Erzberget (C-566/15, EU:C:2017:562), li tipprovdi li d-dritt Ġermaniż ta' parteċipazzjoni ma jistax jiġi estiż lil hinn mit-territorju Ġermaniż.

[34] Ara l-premessa 19 u l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva SE.

V. Konklużjoni

57. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja):

L-Artikolu 4(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ftehim relattiv għall-involviment tal-ħaddiema f'kumpannija Ewropea maħluqa permezz ta' trasformazzjoni għandu jipprovdi votazzjoni separata sabiex jiġu eletti, bħala rappreżentanti tal-ħaddiema fi ħdan il-bord superviżorju, ċertu proporzjon ta' kandidati preżentati mis-sindakati, meta din il-partikolarità teżisti u hija imperattiva fid-dritt nazzjonali applikabbli għall-kumpannija li għandha tiġi ttrasformata.